

Brussell, 8 ta' Jannar 2025
(OR. en)

16990/24
PV CONS 69
TRANS 551
TELECOM 385
ENER 609

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)
16 ta' Diċembru 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 16716/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

Dokument 16782/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dawn il-punti tinsab fl-Addendum.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Dokument 16783/24

Trasport

1. Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq



Dokument
16534/1/24 REV 1
+ REV 1 ADD 1
PE-CONS 77/24
TRANS

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-11.12.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-astensjoni tal-Ġermanja u l-Lussemburgu (bażi legali: l-Artikolu 91(1)(c) TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

2. Regolament dwar l-armi tan-nar (riformulazzjoni)



Dokument 16477/24
+ ADD 1
PE-CONS 87/24
UD

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-11.12.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-astensjoni taċ-Ċekja u s-Slovakkja (bażi legali: l-Artikoli 33 u 207 TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Ambjent

3. **Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE**

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-11.12.2024



Dokument 16533/24
+ ADD 1
PE-CONS 73/24
ENV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-astensjoni ta' Malta u l-Awstrija (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Suq Intern u Industrija

4. **Regolament dwar makkinarju mobbli mhux tat-triq**

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-11.12.2024



Dokument 16483/24
PE-CONS 71/24
MI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bis-Slovakkja tivvota kontra (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

5. **Direttiva li temenda d-Direttivi 2009/102/KE u (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' aktar espansjoni u titjib tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi tal-kumpaniji**

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-11.12.2024



Dokument 16479/24
PE-CONS 74/24
DRS

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 50(1), 50(2) u 114 TFUE).

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Enerġija Ġeotermali

- a) **Rapport dwar il-Futur tal-Enerġija Ġeotermali mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE)**¹  Dokument 16797/24
Preżentazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv tal-AIE

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv tal-AIE tar-rapport dwar il-Futur tal-Enerġija Ġeotermali mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE).

- b) **Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni tal-enerġija ġeotermali**  Dokument 16248/24
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet dwar il-promozzjoni tal-enerġija ġeotermali.

4. **Il-futur tal-politika tal-enerġija fid-dawl ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina**  Dokument 16291/24
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-futur tal-politika tal-enerġija fid-dawl ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina.

Affarijiet oħra

5. a) **Segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni għall-Grilji**  Dokument 16690/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Presidenza Dokument 16730/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u l-Presidenza.

- b) **Konferenza dwar il-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET) (Budapest, 14-15 ta' Novembru 2024)**  Dokument 16691/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

¹ Fil-preżenza tad-Direttur Eżekuttiv tal-AIE.

- c) **Lejn l-esportazzjoni ta' fjuwils aktar nodfa: impenn għas-saħħa pubblika u l-ambjent**  Dokument 16729/24
Informazzjoni mill-Belġju, il-Lussemburgu u n-Netherlands

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, il-Lussemburgu u n-Netherlands.

- d) L-impatti tat-tariffa tan-newtralità għall-ħżin tal-gass u l-ħtieġa għal koordinazzjoni aħjar fil-livell Ewropew Dokument 16688/24
Informazzjoni mill-Awstrija, iċ-Ċekja u s-Slovakkja
- e) It-tħejjija għax-xitwa 2024/2025 u s-sigurtà tal-provvista Dokument 16731/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni
- f) Żviluppi reċenti fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni dwar l-enerġija Dokument 16723/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni
- g) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mill-Polonja

 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 16783/24**Dwar il-punt "A"
nru 1:**

Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja hija ferm favur l-għan tad-Direttiva li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq. B'mod partikolari, il-possibbiltà futura ta' kooperazzjoni transfruntiera fl-identifikazzjoni ta' persuni li wettqu reati tat-traffiku fit-toroq ser twassal għal infurzar u prosekuzzjoni mtejbja tar-reati tat-traffiku.

Ir-raġuni għall-astensjoni tal-Ġermanja hija li l-arranġamenti għall-assistenza reċiproka fl-infurzar tal-multi sfortunatament ma ġewx diskussi fil-korpi kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fil-qafas legali eżistenti (id-Deċiżjoni Kwadru 2005/214/ĠAI). B'riżultat ta' dan, l-arranġamenti għall-assistenza għall-infurzar issa fihom diverġenzi u nuqqasijiet mhux ġustifikati fil-livell ta' protezzjoni għall-persuni kkonċernati. Meta tiġi implimentata, sfortunatament ser tiġġenera piż addizzjonali sostanzjali fl-infurzar."

**Dwar il-punt "A"
nru 2:**

Regolament dwar l-armi tan-nar (riformulazzjoni)
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MIĊ-ĊEKJA U S-SLOVAKKJA

"Ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka appoġġaw kontinwament il-Proposta bil-ftit eċċezzjonijiet rigward il-kamp ta' applikazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, ir-reġimi ta' simplifikazzjoni u t-tul tal-awtorizzazzjonijiet eċċ. Ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka jilqgħu l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-proposti tagħhom ġew aċċettati wkoll matul it-trilogi. Iż-żewġ Stati Membri esprimew ukoll li huma lesti jaslu għal kompromess.

Min-naħa l-oħra, aħna appellajna għal bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta, biex l-armi tan-nar kollha elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament kif diġà esprimejna matul in-negozjati. Biex tintlaħaq ċertezza legali u jiġu ffrankati spejjeż pubbliċi u privati, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka pproponew li l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-armi tan-nar elenkati kemm fl-Anness I kif ukoll fil-Lista Militari Komuni għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta.

Ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka jqisu li l-idea ta' proċeduri differenti għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ser tikkawża konfużjoni għall-industrija u n-negozji. Applikant li jwettaq kummerċ bl-istess oġġetti jiffaċċa sitwazzjoni fejn ikun meħtieġ li japplika għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-esportazzjoni ta' oġġetti militari, li ser tkun regolata ulterjorment mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/CFSP, u għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni skont ir-Regolament. L-obbligi marbuta ma' proċeduri differenti jkunu differenti, u dan jista' jżid il-piżijiet fuq in-negozji. L-awtoritajiet jiffaċċaw problemi bl-ispezzjoni u l-għbir tad-data, kif ukoll bil-ħruġ/konferma taċ-ċertifikati.

Fil-fehma tar-Repubblika Ċeka u tar-Repubblika Slovakka, għandu jkun hemm separazzjoni netta bejn il-kummerċ internazzjonali tal-armi tan-nar militari (meqjusa bħala tagħmir militari u rregolati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali) u l-kummerċ internazzjonali tal-armi tan-nar ċivili (irregolati bir-Regolament). Ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka jixtiequ jenfasizzaw li l-esklużjoni tal-armi tan-nar elenkati fil-Lista Militari Komuni ma taffettwax il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni li jeżistu fl-Istati Membri. Dawn il-proċeduri qed jaħdmu u jistgħu jkunu saħansitra aktar stretti meta titqies is-sensittività tal-merkanzija militari.

Abbażi tad-dikjarazzjoni t'hawn fuq, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka ma jistgħux jappoġġaw it-test ta' kompromess tal-proposta kif inhu issa. Għalhekk, aħna nastjenu milli nivvutaw dwar it-test propost."

Dwar il-punt "A"
nru 3:

Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Malta tirrikonoxxi l-importanza ta' din il-proposta leġiżlattiva, li għandha l-għan li taċċellera s-sostenibbiltà tal-imballaġġ u tnaqqas l-impatt tal-iskart mill-imballaġġ. Malta tixtieq tirrikonoxxi l-progress sinifikanti li sar f'diversi aspetti, bħall-eżenzjoni għal ċerti mikrointrapriżi mill-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u l-fattur ta' korrezzjoni tat-turiżmu.

Madankollu, Malta tinnota b'dispijaċir in-natura diskriminatorja tal-eżenzjoni mill-miri tal-użu mill-ġdid, li issa hija bbażata fuq il-prestazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart tal-Istati Membri aktar milli fuq il-prestazzjoni tal-operaturi ekonomiċi fil-mira.

L-obbligu li s-Sistemi ta' Rifużjoni tad-Depożitu ikollhom tikketta nazzjonali huwa problematiku wkoll għal Malta, peress li ser iżid il-piżijiet loġistiċi u amministrattivi għad-distributuri lokali li jiddependu ħafna fuq ix-xorb importat.

Fl-aħħar nett, Malta tinsab imħassba dwar kif l-Istati Membri, speċjalment l-Istati Membri iżgħar, ser ikunu jistgħu jilhqnu l-miri legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ, b'mod partikolari dik tal-2030, b'mod partikolari peress li ċerti rekwiżiti armonizzati dwar l-Operaturi Ekonomiċi fl-Anness V ġew dilwiti u l-iskadenza għall-implimentazzjoni tagħhom ġiet estiża sal-2030."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tappoġġa l-oġġettiv li jiġu stabbiliti miżuri ċari, ambizzjużi u infurzabbli fil-qasam tal-imballaġġ u li tiġi pprovduta ċertezza legali. Madankollu, ir-regolament dwar l-imballaġġ ma jiksibx dan l-għan kompletament. Ma hemmx bilanċ bejn il-protezzjoni ambjentali, il-piż amministrattiv u l-kompetittività.

Hemm tħassib dwar:

- piż amministrattiv għoli u żidiet fl-ispejjeż mingħajr ebda benefiċċji ambjentali evidenti, pereżempju fil-qasam tal-użu mill-ġdid,
- il-miżuri kumplessi ta' implimentazzjoni meħtieġa mir-regolament u
- problemi ta' infurzar, eż. fir-rigward tar-responsabbiltà tal-produttur fejn jidħlu pajjiżi terzi.

Il-kontenut speċifiku tar-regoli għandu jkun riżervat għall-forma legali ta' direttiva.

B'riżultat ta' dan it-tħassib, l-Awstrija ser tastjeni mill-vot finali."
